# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru**
**Illum 4 ta' Ottubru, 2001**

**Appell Nru 127/2001 VDG**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jesmond Cassar u**
**Claire sive Claire Lynthia Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jesmond Cassar u Claire sive Claire Lynthia Cassar talli:

1. f'dawn il-Gzejjer matul it-tlett xhur qabel it-18 ta' Novembru, 1996, matul l-1997 u f'Jannar 1998 kellhom fil-pussess taghhom id-droga erojina bi ksur tal-ligi;
2. fl-istess zmien u cirkostanzi fornew jew ipprokuraw, jew offrew li jfornu jew li jipprokuraw, id-droga erojina bi ksur tal-ligi;
3. ikkommettew l-imsemmija reati fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club*, jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh;

Claire sive Claire Lynthia Cassar kienet akkuzata wkoll talli:

4. fl-4 ta' Settembru, 1997 ikommettiet serq ta' *cheque book* kif ukoll is-somma ta' bejn hamsin u sittin lira minn gewwa van numru KAE334 tal-Marka Mitsubishi, a dannu ta' Jason Degiorgio minn B'Bugia, liema serq huwa kwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa;
5. fl-4 ta' Settembru, 1997 laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxijhom;
6. saret recidiva skond l-Artkoli 49 u 50 tal-Kodici Krminali b'sentenzi simili moghtija lilha mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) fit-18.11.96 (Awla 8) u fis-16.12.96 (Awla 8);

Jesmond Cassar kien akkuzat ukoll:

7. li sar recidiv skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali b'sentenzi moghtija lilu mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) datati 17.6.92 (Awla G), 5.8.92 (Awla B), 27.11.92 (Awla G), 7.9.93 (Awla B) u 7.3.94 (Awla 9);
8. li kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali billi kkommetta reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija waqt il-periodu [operattiv] ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-15.2.95 (Awla B);
9. li kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 9 tal-Kap. 152 b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) datati 27.2.96 (Awla 1), 10.6.96 (Awla 5), 3.2.97 (Awla 14) u 17.7.97 (Awla 12);

L-ewwel qorti kienet mitluba li minbarra li taghti l-piena tordna lill-imsemmija zewg persuni jhallsu l-ispejjez peritali skond l-Artikolu 533(1) tal-Kodici Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Gunju, 2001, li permezz taghha dik il-qorti, fuq ammissjoni taz-zewg imputati ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghhom (ammissjoni registrata fl-udjenza tat-28 ta' Mejju, 2001 (fol. 520 tal-atti)) u wara li ddikjarat lill-istess imputati hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom (hlief ghall-imputazzjoni ta' ricettazzjoni – l-imputazzjoni numru 5 – fil-konfront ta' Claire sive Claire Lynthia Cassar, peress li din l-imputazzjoni kienet evidentement wahda alternattiva ghar-raba' imputazzjoni), ikkundannat

A. lil **Claire sive Claire Lynthia Cassar** ghall-piena ta' **sentejn prigunerija** minghajr tnaqqis tal-periodu tal-arrest preventiv, u multa ta' **erba' mitt lira (Lm400)**, pagabbli b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin lira, bl-ewwel pagament dovut fil-hmistax tax-xahar wara li hija tiskonta l-piena karcerarja; kif ukoll ikkundannat lill-imsemmija Claire sive Claire Lynthia Cassar thallas l-ispejjez inkorsi in konnessjoni mal-hatriet tal-espert tekniku A.I.C. Valerio Schembri u r-relazzjonijiet minnu maghmula, u dan fi zmien xahar minn meta tigi hekk interpellat mir-Registratur; u
B. ikkundannat lil **Jesmond Cassar** ghall-piena ta' **tlett snin prigunerija**, kif ukoll ordnat li s-sentenza ta' **sentejn prigunerija** (originarjament sospizi ghal erba' snin) moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-15 ta' Frar, 1995 tigi fis-sehh, b'mod li l-imputat ghandu **jaghmel periodu komplessiv ta' hames snin prigunerija**; l-ewwel qorti ordnat li l-periodu li l-imsemmi Jesmond Cassar ghamel taht arrest preventiv "in konnessjoni ma' dan il-kaz" ma jitnaqqasx mill-piena "inflitta fuqu llum"; ikkundannat ukoll lil Jesmond Cassar multa ta' **elf lira (Lm1000)**, pagabbli b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin lira, bl-ewwel pagament dovut fil-hmistax tax-xahar ta' wara li jkun skonta l-piena karcerarja; u ordnatlu wkoll ihallas l-ispejjez inkorsi mal-hatra tal-psikjatra Dott. Joseph Spiteri, u dan fi zmien xahar minn meta jigi hekk interpellat mir-Registratur;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Jesmond Cassar, minnu ppresentat fil-21 ta’ Gunju, 2001, li permezz tieghu talab ir-riforma tal-imsemmija sentenza;

Rat ukoll ir-rikors ta’ appell ta’ Claire sive Claire Lynthia Cassar, minnha ppresentat fis-27 ta’ Gunju, 2001, li permezz tieghu talbet ir-riforma tal-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lill-Avukat Dott. Joseph Brincat ghall-appellant Jesmod Cassar u lill-Avukat Dott. David Camilleri ghall-apellanti Claire sive Claire Lynthia Cassar, kif ukoll lill-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Mark Said ghall-Avukat Generali fl-udjenza tat-28 ta’ Settembru, 2001; ikkunsidrat:

Din il-Qorti ser tibda billi tikkunsidra l-appell ta’ Jesmond Cassar. Dana l-appellant ghandu zewg aggravji. L-ewwel aggravju hu bazikament fis-sens illi meta l-ewwel qorti ordnat “li l-periodu li [huwa] ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma’ dan il-kaz <u>ma jitnaqqasx</u> mill-piena inflitta fuqu llum” (sottolinear ta’ dik il-qorti), dik il-qorti kienet qed “tbiddel” is-sentenza originali, cioe` dik is-sentenza li kienet originarjament sospiza u li kienet qed tigi attivata proprju bis-sentenza appellata. L-appellant, in fatti, ighid hekk:

“Il-fatt li l-Qorti ordnat li s-sentenza sospiza tidhol in effett minghajr it-tnaqqis ta’ l-arrest preventiv fil-fatt hija tkun qeghda tbiddel is-sentenza originali ghaliex is-sentenza originali ma haditx in konsiderazzjoni l-periodu tal-arrest preventiv u ghalhekk tali arrest preventiv kellu jinghata. Meta l-Qorti ssospendiet l-esekuzzjoni tas-sentenza fl-1995 certament ma eskludietx li l-arrest preventiv li sar dak iz-zmien kellu b’xi mod ma jissarrafx jekk is-sentenza tigi ezegwibbli. Ghaldaqstant il-periodu tal-arrest preventiv fir-rigward tas-sentenza sospiza kellu jkun imnaqqas”

Jibda biex jigi precizat li l-Artikolu 22 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li qorti ta’ gustizzja kriminali “<u>tista’ tqis, fid-diskrezzjoni taghha</u>” il-periodu tal-arrest preventiv meta tigi biex taghti s-sentenza. Din hija kwistjoni ta’ diskrezzjoni mhollija f’idejn il-Qorti. Ma hemm ebda <u>obbligu</u> li tali periodu jitnaqqas. Ghalkemm din il-Qorti hi tal-fehma li, bhala regola, tali periodu ta’ arrest preventiv, specjalment jekk sostanzjali, ghandu jitnaqqas mis-sentenza ta’ prigunerija jew detenzjoni li ghaliha l-hati jigi kkundannat, jista’ jkun hemm cirkostanzi fejn qorti tkun tal-fehma li tali periodu ta’ arrest preventiv <u>m’ghandux</u> jitnaqqas minn dik is-sentenza. Fost tali cirkostanzi – li jistghu talvolta jitqiesu bhala eccezzjoni ghar-regola – wiehed jista’ jsemmi l-kaz meta l-hati ma jkun qatt talab il-helsien mill-arrest, jew, wara li jkun inghata tali helsien, jikser xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-qorti fl-obbligazzjoni tal-garanzija b’mod li huwa jitlef il-beneficcju ta’ dak il-helsien mill-arrest. In fatti huwa koncepibbli li persuna li tkun taf li x’aktarx ser tinghata piena karcerarja ma titlobx il-beneficcju tal-helsien mill-arrest pendenti l-proceduri sabiex, minghaliha, tiskonta dik il-piena karcerarja jew parti minnha taht ir-regim ta’ dawk li jkunu “awaiting trial” u bil-privileggi annessi mieghu. Issa, apparti dawn il-konsiderazzjonijiet generali dwar id-diskrezzjoni tal-qorti,

wiehed irid jara l-kaz konkret. L-appellant jikkontendi li bil-pronunzjament taghha fis-sentenza appellata l-ewwel qorti b'xi mod varjat jew biddlet is-sentenza tal-15 ta' Frar, 1995. Effettivament jidher li l-appellant ghandu ragun. Is-sentenza tal-15 ta' Frar, 1995 (li kopja taghha tinsab ezibita a fol. 114 *et seq.* tal-atti) moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Jesmond Cassar et.***, fil-parti deciziva taghha, tispicca hekk: "Tordna li l-periodu li l-imputati ghamlu taht arrest preventiv jitnaqqas mill-piena karcerarja imposta" (ara fol. 127). Dan il-bran ta' dik is-sentenza (cioe` tal-1995) hu redatt b'mod li japplika kemm ghal dawk li b'dik is-sentenza gew ikkundannati piena ta' prugunerija b'effett immedjat kif ukoll ghal dawk li (bhal Jesmond Cassar) kienu qed jigu kkundannati ghall-piena ta' prigunerija sospiza. Konsegwentement il-qorti li tat is-sentenza appellata setghet biss tordna li ma jitnaqqasx il-periodu tal-arrest preventiv li l-imsemmi Cassar kien ghamel in konnessjoni mal-kaz li ghalih jirreferu l-imputazzjonijiet riprodotti fil-bidu ta' din is-sentenza (cioe` l-kaz li beda quddiem il-Qorti tal-Magistrati fit-18 ta' Novembru, 1998), izda mhux ukoll il-periodu tal-arrest preventiv – jekk kien hemm – in konnessjoni mal-kaz deciz fil-15 ta' Frar, 1995.

It-tieni aggravju ta' dana l-appellant hu fis-sens li l-piena nflitta kienet eccessiva u dan, skond l-istess appellant, "peress [li] kif jirrisulta mill-istess sentenza z-zewg persuni kienu waqghu fil-vizzju tad-droga u kienu jiehdu minghand xulxin…illi f'tali cirkostanzi specjalment il-fatt li huma mizzewgin dan ir-reat jinkwadra fil-konsiderazzjoni li ghamlet il-Qorti Kriminali fis-sentenza ir-Repubblika v. Josef Farrugia". Din il-Qorti rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-28 ta' Mejju, 2001 fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Josef Farrugia***, pero` frankament ma tarax ir-relevanza taghha ghall-appell in dizamina. Il-Qorti tosserva fir-rigward ta' dana l-aggravju kif impostat mill-appellant li l-piena ghar-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni biss (u cioe` apparti r-reat ta' pussess semplici, l-aggravju kontemplat fit-tielet imputazzjoni, u r-recidiva) hi ta' prigunerija minn minimu ta' sitt xhur sa massimu ta' ghaxar snin u multa ta' mhux anqas minn mitejn lira izda mhux aktar minn hamest elef lira. Tenut kont tan-natura tar-reati in kwistjoni, tal-periodu mhux qasir li matulu dawn gew kommessi, kif ukoll tar-recidiva, din il-Qorti b'ebda mod ma tista' tqis il-piena inflitta mill-ewwel qorti bhala wahda eccessiva ghal xi raguni li qed javanza l-appellant. Ghalhekk dana t-tieni aggravju tal-appellant Jesmond Cassar qieghed jigi respint.

L-appellanti Claire sive Claire Lynthia Cassar ghandha aggravju wiehed, u dan hu, bazikament, illi l-piena moghtija mill-ewwel qorti kienet wahda eccessiva. Din l-appellanti qed tippretendi li l-periodu ta' arrest preventiv kellu jitnaqqas mill-piena ta' sentejn prigunerija. Hi taghmel referenza ghall-*pre-sentencing inquiry report* tal-Ufficjal tal-*Probation* Marietta Lanzon (ezibit a fol. 521 tal-atti) u tilmenta li r-"rizultanzi ta' dan ir-rapport ma gewx riflessi adegwatament fil-piena". Dana l-aggravju jirrazenta l-fieragh meta wiehed jikkonsidra li kienet l-istess Ufficjal tal-*Probation* li, fir-rapport imsemmi, issuggeriet piena karcerarja adegwata (cioe` ghal periodu ta' zmien

twil bizzejjed) sabiex l-appellanti tkun tista` verament tibbenefika minn programm ta' riabilitazzjoni mill-problema tad-droga (ara pagna 14 tar-rapport, fol. 538 tal-atti). Kwantu ghall-kwistjoni tat-tnaqqis tal-periodu tal-arrest preventiv, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li diga nghad fuq dan il-punt fir-rigward tal-appell ta' Jesmond Cassar. Din il-Qorti ma tarax li l-ewwel qorti ezercitat id-diskrezzjoni taghha taht l-Artikolu 22 tal-Kap. 9 b'xi mod skorrett. Ghalhekk l-appell ta' Claire sive Claire Lynthia Cassar ser jigi respint.

Ghall-motivi premessi:

(a) tichad l-appell ta' Claire sive Claire Lynthia Cassar, u tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu din tikkoncerna lilha, u
(b) tirriforma s-sentenza appellata in kwantu tirrigwarda lill-appellant Jesmond Cassar fis-sens biss illi tordna li mill-periodu tas-sentejn prigunerija imposti bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Frar, 1995 (li giet fis-sehh permezz tas-sentenza appellata) ghandu jitnaqqas il-periodu tal-arrest preventiv (jekk kien hemm) li l-imsemmi Jesmond Cassar kien ghamel in konnessjoni ma' dak il-kaz (cioe` l-kaz deciz bis-sentenza msemmija tal-15 ta' Frar, 1995); izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

Din il-Qorti taghmel taghha r-rakkomandazzjoni ta' l-ewwel qorti fis-rigward tal-appellanti Claire sive Claire Lynthia Cassar fis-sens li tirrakkomanda lid-Direttur tal-Habs sabiex jaghti l-ghajnuna kollha mehtiega lill-imsemmija Claire sive Claire Lynthia Cassar sabiex din tibda kors ta' riabilitazzjoni mill-problema tad-droga stante li din tidher, ghall-anqas minn dak li jirrizulta mill-atti, li hija debitament motivata.

Aldo Testone
Deputat Registratur